MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2009

Talba Numru. 861/2009

Borg & Aquilina Limited (C496).

Vs

Julius Farrugia (Id. 1008146M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta’ elf, sitt mija u wiehed u tmenin Ewro u tletin centezmu (€1681.30) minghand il-konvenut, bilanc ta’ somma akbar, prezz ta’ merkanzija mibjugha u konsenjata lilu fuq ordni tieghu stess. Illi l-konvenut gie interpallat sabiex ihallas diversi drabi fosthom b’ittra ufficjali tat-13 ta’ Awissu 2009 ipprezentat ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12, izda din l-ittra baqghet mhux notifikata minkejja diversi tentattivi. Bl-ispejjes gudizzjarji u legali inkluz dawk tal-ittra ufficjali fuq imsemmija u bl-imghaxijiet bl-oghla rata permissibbli skond il-Kap. 13 mid-data ta’ kull fattura.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas s-socjeta' attrici s-somma ta' elf, sitt mija u wiehed u tmenin Ewro u tletin centezmu (€1681.30), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------